**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 t'April 2024**

Rikors Numru: 465/23 AL

A B C D

vs

E D

(M.R. Numru 1045/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiz-zwieg fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta, Malta fit-18 ta' Mejju 2014 u minn din l-għaqda ma kellhomx tfal

2. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza tasentenza moghtija mill- Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 27 ta' Settembru 2022, fl-ismijiet, AB C D vs E D (Dok. A)

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragionevoli tarikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn sena jgħixu separatament minn xulxin, huma għandhom hajja totalment separata u independenti minn xulxin;

4. Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas tamanteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke in kwantu m'għandhom l-ebda dritt ta' mantenimant minghand xulxin skond kif jirrizulta mill-fuq imsemmija sentenza;

5. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal- partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u ammotamenti fl-atti civili relattivi fir- Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Settembru 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta Settembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.